

32000R1378

29.6.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 156/31

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1378/2000  
tat-28 ta' Ġunju 2000**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1486/95 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota ta'  
tariffa fis-settur tal-laħam tal-majjal**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implementazzjoni tal-konċessjonijiet stabbiliti fl-Iskeda CXL mħejjija bħala konsegwenza tal-konklużjoni tan-negożjati tal-GATT XXIV.6<sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 1 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1486/95<sup>(2)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1409/1999<sup>(3)</sup>, fetaħ kwoti għal perjodu speċifiku. Fl-istruttura tal-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ, il-Kummissjoni ikkommettiet lilha nnifha li żżid kwoti ta' tariffi għal ċerti prodotti fis-settur tal-laħam tal-majjal. Hemm bżonn li jkunu speċifikati l-kwantitajiet ġodda koperti mill-arranġamenti ta' l-importazzjoni mill-1 ta' Lulju 2000.
- (2) L-utilizzazzjoni tal-kwoti ta' l-importazzjoni għal laħam tal-majjal kienet ġeneralment baxxa fis-snin riċenti u l-garanzija relativament għolja għal liċenzji ta' l-importazzjoni tista' tkun fattur ta' skorragġġiment fin-neozju. Sabiex ikun issaċċilit in-negożju tal-laħam tal-majjal u sabiex ikunu armonizzati l-livelli ta' garanziji għal-liċenzji ta' l-importazzjoni fi ħdan is-setturi tal-laħam huwa meħtieġ li jkunu rriveduti l-livelli tal-garanzija.
- (3) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar il-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

Ir-Regolament (KE) Nru 1486/95 hu emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 hu mibdul b'dan li ġej:

**"Artikolu 1**

Il-kwoti tat-tariffi ta' l-importazzjoni li hemm referenza dwarhom fl-Anness I għandhom jinfetħu kull sena għall-gruppi ta' prodotti u bil-kundizzjonijiet li jistabbiluhom."

2. Il-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 5 hu mibdul b'dan li ġej:

"3. Għandha tkun ippreżentata garanzija ta' 20 EUR għal kull 100 kilogramma għall-applikazzjonijiet ta' liċenzji ta' l-importazzjoni għall-prodotti kollha li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 1."

3. L-Anness I hu mibdul bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jaapplika b'effett mill-1 ta' Lulju 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, fit-28 ta' Ġunju 2000.

*Għall-Kummissjoni*

*Franz FISCHLER*

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 146, ta' l-20.6.1996, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 145, tad-29.6.1995, p. 58.

<sup>(3)</sup> ĠU L 164, tat-30.6.1999, p. 51.

## ANNESS

## "ANNESS I

Numru tal-grupp	Kodiċi NM	Deskriżzjoni tal-prodott	Dazju doganali EUR/tonne	Kwantitajiet ftunnellati mill-1 ta' Lulju 2000
G2	ex 0203 19 55 ex 0203 29 55	Flett u perżut mingħajr għadam, frisk, imkessaħ jew iffriżat:	250	34 000
G3	ex 0203 19 55 ex 0203 29 55	Flett tari frisk, imkessħa jew iffriżati,	300	5 000
G4	1601 00 91 1601 00 99	Zalzett, imqadded jew biex ikun midluk, mhux misjur Zalzett ieħor	747 502	3 000
G5	1602 41 10 1602 42 10 1602 49 11 1602 49 13 1602 49 15 1602 49 19 1602 49 30 1602 49 50	Laħam ieħor imħejji jew ippriservat, irmoxk tallaħam jew demm	784 646 784 646 646 428 375 271	6 100
G6	0203 11 10 0203 21 10	Karkassi u nofs karkassi, friski, imkessħin jew iffriżati	268	15 000
G7	0203 12 11 0203 12 19 0203 19 11 0203 19 13 0203 19 15 ex 0203 19 55 0203 19 59 0203 22 11 0203 22 19 0203 29 11 0203 29 13 0203 29 15 ex 0203 29 55 0203 29 59	Qagħtat ta' majjali domestiċi, friski, mkessħa jew iffriżati, bil-għadu jew mingħajru. Eskluż il-flett tari ippreżentat waħdu	389 300 300 434 233 434 434 389 300 300 434 233 434 434	5 500"